MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 788/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Gordon Caruana**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 24 t`Awissu, 2014 miġjuba fil-konfront ta` Gordon Caruana, bin Emanuel u Maria Dolores nee Formosa, imwieled il-Pieta u residenti Bieb 16, Blokk 12, Triq il-Gardenja, Santa Luċija, u detentur tal-karta tal-identita` numru 497582M fejn ġie mixli talli nhar 1-20 t'Awissu 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom ukoll jekk fi żmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq t'oġġetti t'ammont li jeċċedi l-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravate bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-valur u bil-ħin

għad-detriment ta' Gerald Camilleri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 426780(M) bħala sid il-vetturi numru ta' reġistrazzjoni CBL225 u FHB235 u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex l-imputat jiġi ordnat iħallas lill-parti offiża dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għad-danni jew ħsara kaġunata permezz tar-reati.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat aktar 'il fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodiċi Kriminali tat żmien qasir lill-imputat sabiex jirtira l-ammissjoni tiegħu u wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża u ħadet konjizzjoni tal-argumenti tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi

(a) f'dan il-każ l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija;
(b) kif ukoll ir-refurtiva sejra tiġi rritorna lura lil siddha fis-sens li l-imputat kien sejjer iħallas il-valur tal-istess refurtiva maqbul fl-ammont ta' tliet elef u mitt euro (€3100);
(c) f'dan il-każ il-Qorti tista tikkonsidra li timponi piena alternattiva mnissla mill-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti semgħet ukoll l-argumenti tad-difiża fis-sens illi :

(a) fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputat irreġistra ammissjoni mill-ewwel, fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri penali;
(b) li l-imputat għandu jingħata ċans aħħari sabiex jipprova jqum fuq saqajh u jirriabilita lilu nnifsu;
(c) li l-imputat huwa raġel tal-familja li għad kif kellu tarbija, li kellha sitt xhur u għandu wkoll tfal oħra u dan l-iżball għamlu sabiex ikun jista jgħajjex lil familtu;
(d) l-imputat irrikonoxxa li żbalja u li lejst li jrodd lura l-valur ta' dak kollu misruq minnu;

(e) li din il-Qorti kif issuġġerixxa l-Uffiċjal Prosekutur tista tikkonsidra li timpani piena alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-ordni tagħha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat : -**

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument ħażin li ħakem lill-imputat. Biss mill-banda l-oħra ma tistax ma tirrimarkax li l-fedina penali tiegħu turi li huwa diġa xellef difrejh mal-Ġustizzja għal aktar minn darba u s'issa dejjem ingħata pieni li ma kienux jikkomportaw priġunerija. Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Livori minfejn jirriżultaw diversi fatturi oħra li din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni – anke peress ma rriżultawx minn dak li stqarrew il-partijiet matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan il-każ quddiem din il-Qorti.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputat għandu jpatti għal egħmilu billi jrodd lura xi ħaġa lis-soċjeta' li huwa offenda bir-reati tiegħu billi jirrendi ruħu soċjalment utli u jagħmel għadd ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bżonn mingħajr ma jitħallas tiegħu; u fl-istess ħin ma jkunx ta' aktar piż fuq is-soċjeta. Dan jgħinu wkoll biex imur ikompli jaħdem u b'hekk ikollu minnfejn iħallas lill-vitma ta' dan is-serq il-valur kollu tar-refurtiva biex b'hekk ikun qiegħed jagħmel tajjeb ukoll lill-vitma il-valur tal-oġġetti misruqa lilu.

***Ghaldaqstant***

il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1), (49, 50, 289) u 532A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' priġunerija kontra Gordon Caruana qegħda tqiegħed lill-ħati

taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal tliet mija u għaxar siegħat f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-Gordon Caruana bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq ta' l-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna lil ħati sabiex iħallas lil Gerald Camilleri li għandu n-numru tal-karta tal-identita 426780(M) is-somma ta' tliet elef u mitt euro (€3100) rappreżentanti d-danni sofferti minħabba s-serq hawn fuq ammess mill-ħati.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Moghtija illum 6 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------